MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 2623/2000/1

**Michelle El Hossayes**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b'digriet tad-29 ta' Novembru 2002 gew appuntati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Hatim El Hossayes**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Dicembru 2000 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-assenti konvenut izzewgu fis-16 ta' Lulju 1997 izda huma prezentament *de facto* separati minn xulxin;

U illi miz-zwieg ta’ bejn il-partijiet twieldet tifla, bl-isem ta’ Sarah, l l ghad ghadnha sentejn (2) u ghalhekk ghadha minuri;

U illi l-imsemmi Hatim El Hossayes huwa ta’ nazzjonalita’ Egizzjana u sa fejn taf l-attrici qieghed jghix gewwa l-Egittu wara li abbanduna d-dar konjugali;

U illi l-imsemmi Hatim El Hossayes sar hati kontra l-attrici martu ta’ adulterju, sevizzi, minaccji u ngurji gravi, b’mod li rrenda mpossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

U illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 1673/00;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi El Hossayes minhabba adulterju, sevizzi, minacci u ngurji gravi li l-konvenut Hatim El Hossayes ikkommetta fuq l-attrici, u wkoll minhabba li l-imsemmi konvenut abbanduna d-dar matrimonjali;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Sarah f’idejn l-attrici;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghall-imsemmija bintha minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u l-mezzi ta’ zewgha;

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. Tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha;

6. Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-**Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili**;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista ta' xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti tal-24 ta' Settembru 2001; tat-22 ta' Novembru 2001; u tas-17 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tas-17 t'Ottubru 2002.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat12 ta' Novembru 2002 fejn talbet li jigu appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Hatim El Hossayes fl-atti tal-kawza u jekk ikun il-kaz f'kull att iehor relattiv u sussegwenti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-29 ta' Novembru 2002 fejn laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Tonio Azzopardi u lill-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi ghal-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tal-10 ta' Jannar 2003 a fol. 22 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti m' humiex edotti dwar il-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirrizervaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 22 u fol. 23 tal-process.

Rat il-verbali tat-28 ta' Jannar 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) gurnata kull wiehed; tal-1 t'April 2003 fejn l-attrici pprezentat l-affidavit taghha u filwaqt li obbligat ruhha li fi zmien ghaxart ijiem

tipprezenta nota b'dokumenti, iddikjarat li tkun ghalqet il-provi taghha; tal-10 ta' Gunju 2003; u tat-13 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota tal-attrici tat-3 t'April 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tal-20 ta' Jannar 2004 fejn dehret biss l-attrici u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Dicembru 2004.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet li zzewgu fis-16 ta' Lulju 1997, izda jigi nnutat li l-istess zwieg ta' bejn il-kontendenti gie ddikjarat null permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti datata 20 Marzu 2003 wara l-kawza fl-ismijiet **"Michelle El Hossayes vs Pauline Mintoff nomine"** (Cit. Nru. 806/2001/RCP) u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba attrici.

Illi dwar il-kura u kustodja tal-minuri din naturalment ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici. Dwar manteniment ghall-istess minuri hemm obbligu ta' manteniment minn missierha, pero' peress li dan abbanduna lill-attrici u ma hemm l-ebda nformazzjoni dwar l-introjtu tieghu ma hemm l-ebda ammont ta' manteniment x'jigi likwidat favur il-minuri.

Illi dwar komunjoni tal-akkwisti; din effettivament ma tikkonsisti f'xejn ta' valur ghaliex il-koppja ma kellha xejn u l-konvenut kien jghix minn fuq l-attrici meta din kienet tahdem.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi

deputati biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel u s-sitt talba attrici** peress li dan iz-zwieg bejn il-partijiet gja' gie ddikjarat null permezz ta' decizjoni ta' din il-Qorti datata 20 ta' Marzu 2003 fil-kawza fl-ismijiet **"Michelle El Hossayes vs Pauline Mintoff nomine"** (Cit. Nru. 806/2001/RCP), u filwaqt li **tichad il-hames talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali peress li z-zwieg bejn il-partijiet gie ddikjarat null;

2. Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Sarah f'idejn l-attrici;

3. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li jigi ddikjarat li l-minuri ghandha dritt tigi mantnuta mill-istess konvenut, pero' l-ebda ammont ma jista' jigi likwidat b'din id-decizjoni *stante* li ma giex ippruvat li l-konvenut ghandu xi forma ta' ntrojtu;

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti u dan b'effett mid-data meta z-zwieg bejn il-kontendenti gie ddikjarat null b'sentenza ta' din il-Qorti datata 20 ta' Marzu 2003, pero' jinghad li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, *stante* li l-istess komunjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur;

5. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi;

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut assenti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------